MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 49/2008

**A B**

**-vs-**

**C B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ippreżentata fid-9 ta' Marzu 2012 li permezz tiegħu r-rikorrenti talab li din il-Qorti tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet;

Rat ir-risposta tal-konvenuta ppreżentata fis-27 ta' April 2012 li permezz tagħha opponiet għal din it-talba;

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' Ġunju 2012 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza fuq din it-talba;

Rat l-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili;

Ikkunsidrat;

Illi kif ġja' ndikat ir-rikorrenti qed jitlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, u din it-talba tista' ssir matul il-kors tal-kawża *ai termini* tal-imsemmi Artikolu 55.

Illi in vista tal-oppożizzjoni tal-konvenuta l-Qorti allura trid tara jekk hijiex se ssofri preġudizzju sproporzjonat kif qed tallega hi kif jgħid l-artikolu 55(4). Fil-verita' r-risposta tal-konvenuta hija ripetizzjoni tal-kontenut tad-diversi rikorsi u risposti li preżentat matul din il-kawża. Jidher li l-attur ippreżenta dan ir-rikors għaliex fil-fehma tieghu l-konvenuta qed iddum biex tippreżenta l-provi tagħha fil-kawża.

Illi l-Qorti ġja' kellha okkażjoni tikkundanna dan id-dewmien, u qed tavża għal darba oħra lill-konvenuta u lid-difensur tagħha li mhijiex se tittollera aktar dewmien li ma jkunx ġustifikat, konsistenti l-aktar f'kontro-eżamijiet twal u ripetittivi, u dewmien biex il-konvenuta tippreżenta l-affidavit u provi oħra tagħha. Madankollu tenut kont tal-fatt li l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet tidher li hija pjuttost konsistenti, il-Qorti ma jidrilhiex li għandha taċċedi għal din it-talba peress li dan jista' jikkostitwixxi preġudizzju għall-konvenuta. Dan ma jfissirx li jekk il-kawża tkompli titwal inutilment il-Qorti ma tistax tieħu provvedimenti fir-rigward.

**Għaldaqstant il-Qorti tiċħad it-talba tal-attur fuq imsemmija.**

**L-ispejjeż ta' din is-sentenza jkunu bla taxxa.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------